Kelma tal-Ħajja

NOVEMBRU 2023
ĦARĠA 11

movimment tal-fokolari

www.focolaremalta.org

# "Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum; aħna m'aħniex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam" (1 *Ts* 5, 5).

Id-dawl minn dejjem kien dejjem simbolu tal-ħajja, u fi tlugħ ix-xemx nilmħu jum ġdid.

Id-dawl insibuh dejjem fl-istejjer tal-ġnus u fir-reliġjonijiet il-qodma.

It-tradizzjoni Lhudija tiċċelebra l-festa tad-dawl, Hanukkah, b'tifkira tal-konsagrazzjoni tat-Tempju ta' Ġerusalemm u tal-ħelsien mill-qima pagana. Il-Musulmani jixegħlu x-xemgħa f'jum twelid il-profeta, li bl-Għarbi hu Mawlid u bit-Tork Mevlid Kandili.

Il-festa ta' Diwali, li tfisser ħafna postijiet imdawla, fil-bidu kienet festa Induwista u tiġi ċċelebrata wkoll minn reliġjonijiet Indjani b'tifkira tar-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażin. Għall-Insara, Ġesù Kristu hu d-dawl li jdawwal dlamijiet id-dinja.

Għalhekk id-dawl hu mimli simboliżmu, għax jirrappreżenta l-preżenza t'Alla, u hu wkoll don għall-bnedmin u għad-dinja.

**"Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum;
aħna m'aħniex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam".**

Imma kif nagħrfu min huma wlied il-jum? Nagħrfuhom għax "m'humiex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam". Meta dak li jkun ma jmurx jorqod, ifisser li jrid jibqa' jishar. Din hi għażla ta' mħabba li dak li jkun jagħmel biex jgħix il-ħin b'mod sħiħ.

L-istedina urġenti li l-appostlu qed iwassal lill-komunità ta' Tessalonika hi biex b'ħeġġa jishru lkoll flimkien u ma jibqgħux imheddla u indifferenti. Fi żmien meta l-bniedem jeħtieġ id-dawl, dawk li m'humiex ulied il-lejl huma fid-dmir li jdawlu r-rabtiet tagħhom ma' ħuthom, billi jingħataw il-ħin kollu lill-oħrajn. B'hekk tidher il-preżenza ta' Ġesù Rxoxt bil-fidi, bl-imħabba u t-tama, kif jikteb San Pawl (ara 1 *Ts* 5, 8).

Irid ikollna wkoll rabta aktar intima ma' Alla, billi nsibu l-ħin ħalli ninżlu fil-fond ta' qalbna biex nitħaddtu miegħu fit-talb, u billi ngħixu Kelmtu biex hekk jiddi fina id-dawl tiegħu.

**"Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum;
aħna m'aħniex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam".**

Xi drabi jiġri li nidraw ngħixu fid-dlam ta' ġo qalbna jew nikkuntentaw ruħna bil-ħafna dawl artifiċjali tad-dinja, li tweġħidna l-ferħ. Imma Alla dejjem isejħilna biex inħallu d-dawl tiegħu jiddi ġewwa fina u nħarsu lejn in-nies u l-ġrajjiet b'attenzjoni sħiħa, biex hekk nagħrfu l-pjanijiet imdawlin tiegħu.

**"Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum;
aħna m'aħniex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam".**

Il-ħin kollu, u b'ħilitna kollha, irridu nagħmlu għażla li biha nitwieldu mill-ġdid, jiġifieri li ngħaddu mid-dlam għad-dawl. Chiara Lubich tgħid: "In-Nisrani ma jistax jaħrab mid-dinja, jinħeba jew iqis ir-reliġjon bħala xi ħaġa privata. Hu jgħix fid-dinja għax għandu responsabiltà, għandu missjoni quddiem il-bnedmin: irid ikun ta' dawl għall-oħrajn. Inti wkoll għandek dan id-dmir, u jekk ma tagħmilx hekk tkun bħal melħ li jitlef it-togħma, jew bħal dawl mitfi.[1] [...] Għalhekk in-Nisrani jrid iħalli dan id-dawl jiddi 'l barra minnu, għandu jkun "sinjal" ta' din il-preżenza t'Alla fost il-bnedmin".[2]

Alla hu dawl u aħna nistgħu nsibuh jekk infittxuh b'qalb sinċiera. Jiġri x'jiġri qatt m'aħna se ninfirdu minn imħabbtu għax aħna wliedu. Jekk aħna ċerti minn dan, id-diffikultajiet li ngħaddu minnhom la jaħsduna u lanqas jgħaffġuna.

It-terremot li seħħ fit-Turkija u s-Sirja din is-sena ħalla aktar minn ħamsin elf ruħ mejta, filwaqt li miljuni oħra għaddew minn ħafna tiġrib. Dawk li baqgħu ħajjin f'din it-traġedja, flimkien ma' komunitajiet kemm minn fosthom kif ukoll minn pajjiżi oħra, wasslu d-dawl tagħhom billi mill-ewwel bdew jagħtu l-għajnuna lil dawk fil-bżonn. B'hekk huma taffew xi ftit it-tbatija ta' min tilef lill-qrabatu u kulma kellu.

Id-dlam qatt ma jista' jaħkem il-ħajja ta' min jagħżel li jgħix fid-dawl u li jkun ta' dawl għall-ħutu l-bnedmin. Għalina l-Insara dan ifisser li rridu ngħixu bil-preżenza ta' Kristu fostna, u din il-preżenza twassal xaqq ta' dawl, tama ġdida, biex hekk ngħixu fl-imħabba t'Alla.

**PATRIZIA MAZZOLA U
T-TEAM TAL-KELMA TAL-ĦAJJA**

1 Cf. *Mt* 5, 13-16.
2 C. Lubich, Kelma tal-Ħajja, Awwissu 1979, fil-ktieb, *Parole di Vita*, ta' Fabio Ciardi (*Opere di Chiara Lubich 5*; Città Nuova, Roma 2017) pġ. 145-146.


Il-Moviment tal-Fokolari iniedi l-ktieb

# Ngħixu *l-Kelma*

nhar is-Sibt 18 ta' Novembru 2023
mis-6.30pm sat-8.30pm fis-sala taċ-ĊAK,
Triq S. Sommier, Birkirkara

Booking: booklaunch2023@outlook.com | 21385801

VO/1624 Fondazzjoni Dinja Magħquda -Moviment tal-Fokolari (Malta)



**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise', Triq il-Ħuttaf, Kappara SGN4333
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**